Kunsill Lokali Ħal Balżan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balżan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Hal Balzan

## Laqgħa Nru. 18

Data: 3 ta' Mejju 2016

Hin: 5.30pm

Post: Fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balżan

---

| Preżenti: | | |
|---|---|---|
| | ***Dr. Ian Spiteri –*** | ***Sindku*** |
| | ***Andre Grech –*** | ***Viċi Sindku*** |
| | ***Desmond Zammit Marmara –*** | ***Kunsillier*** |
| | ***Daniel Muscat-*** | ***Kunsillier*** |
| | ***Joe Galea-*** | ***Kunsillier*** |
| | **Mark Mallia–** | **Agent *Segretarju Eżekuttiv*** |

Skużati:

Assenti:

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajjma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Ġieh Hal Balzan
6. Komunikazzjoni mill-Kunsilliera
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti
8. Aġġornament.

1. **Qari u Approvazzjoni tal- Minuti**

1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sittax-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

1.2 Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Joe Galea, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Desmond Zammit Marmara. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Punti Mqajma Mill-Minuti**

2.1 Ma kienx hemm punti mqajjma mill-minuti

3. **Komunikazzjoni mis- Sindku**

3.1 Preżenti għal laqgħa tal-Kunsill kien hemm xi residenti li joqgħodu fi Triq it-Tabib J. Zammit fejn parti mill-ħin tiegħu kien qed jallokah lil dawn in-nies biex iressqu l-ilmenti tagħhom kemm fuq il-bollards u l-linji sofor ta' quddiem il-binja. Talba simili biex jiltaqgħu mal-Kunsill saret ukoll lis-Sur Zammit Marmara.

3.2 Fir-rigward tal-post il-ġdid tal-Kunsill, is- Sindku nforma lill-Kunsill li l-permess mill-MEPA mistenni jkun approvat dalwaqt u x-xogħolijiet jibdew minnufih.

3.3 Is-Sindku ressaq talba biex jitwaħħlu żewġ sleeping policeman fi Triq it-Tlett Knejjes. F'dan ir-rigward ukoll saret talba mis-Sur Desmond Zammit Marmara biex jitwaħħal sleeping policeman fi Triq it-Tabib J. Zammit kantuniera ma' Triq il-Providenza. Il-Kunsill approva.

4. **Korrispondenza**

4.1 Email mingħand l-MTA fuq twaħħil ta' information boards għat-turisti madwar it-Three Villages.

4.2 MEMO 11/2016- Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal biex isir użu mis-servizzi mużikali tal-lokal jekk ikun hemm il-ħtieġa.

4.3 Ittra mingħand Transport Malta fejn infurmaw lill-Kunsill li timed parking għar-residenti fi Triq San Franġisk ġie estiż sa mal-kantuniera Triq Imdina u sa mal-kantuniera Triq San Gabriel.

4.4 Talba mingħand is-Sur Camenzuli għal permess ta' car permit residenzjali peress li hija karozza tal-kumpanija. Il-Kunsill approva.

5. **Ġieħ Ħal Balzan**

5.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat ippreżenta l-format l-ġdid ta’ kif ser jingħata Ġieħ Ħal Balzan (mehmuż) li ġie approvat mill-Kunsill.

5.2 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Lokali - Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ppropona lis-Sur Joe Pulis ex President tal-Kazin Partit Laburista li tul dawn l-aħħar 40 sena ta kontribut lil Ħal Balzan filwaqt li s-Sur Joe Galea kien qed jipproponi lis-Sur John Cassar bħala ex Kunsillier tal-Partit Laburista li serva fil-Kunsill ta' Ħal Balzan.

5.3 Fil-fehma tas-Sindku u kunsilliera oħra, dan il-ġieħ għandu jingħata lil xi ħadd li ta kontribut lill-kulħadd fil-lokalita. Fil-każ tas-Sur Pulis dan ta s-servizzi tiegħu lil ċertu settur fir-raħal u dan il-ġieħ ma għandux jingħata lilu fuq din il-bażi. Għalhekk huwa tal-fehma li dan il-premju għandu jingħata lis-Sur Cassar li fil-leġislatura tal-Kunsill li fih serva, ta kontribut siewi lir-raħal kollu.

5.3.1 Is-Sur Zammit Marmara qal li s-Sur Pulis għandu jingħata l-istess trattament bħal ma ħadu l-ex-Kunsilliera Nazzjonalisti fis-snin ta' qabel u għalhekk huwa kien qed jitlob li Ġieħ Ħal Balzan f'din il-kategorija jingħata kemm lis-Sur Pulis u kif ukoll lis-Sur Cassar

5.3.2 Il-kumplament tal-Kunsilliera ma qablux mal-proposta tas-Sur Zammit Marmara u għalhekk fid-dawl ta' dawn il-fatti, s-Sur Zammit Marmara kien qed jiddkjara li mhux ser jieħu sehem fl-għoti ta' Ġieħ Ħal Balzan għal din is-sena u kien qed jastjeni minn kull teħid ta' vot.

5.4 Il-Kunsill approva permezz ta' rizoluzzjoni b' erba (4) voti favur approva li Gieħ Ħal Balzan fil-kategorija Lokali, l-premju jingħata lis-Sur John Cassar.

5.5 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Nazzjonali- Kien hemm proposta waħda li saret mill-Viċi Sindku s-Sur Andre Grech fejn ippropona li dan il-ġieħ jingħata lill- ex-Kappillan ta' Ħal Balzan, Dun Kalicidon Vassallo li bil-ħidma tiegħu fil-komunita' kif ukoll fejn qed iservi bħalissa fl-Imġarr għamel ġieħ lir-raħal ukoll fuq livell nazzjonali.

5.5.1 Il-Kunsill permezz ta' rizoluzzjoni approva li dan il-ġieħ jingħata lil-Dun Kalcidon Vassallo b'erba (4) voti favur.

5.6 Kategorija Ġieħ Ħal Balzan Internazzjonali- Il-Kunsilleir s-Sur Daniel Muscat ppropona lis-Sur Keith Camilleri li kellu suċċess fix-xena internazzjonali tal-karozzi tat-tlielaq u lis-Sur Garth Galea li kellu suċċess fil-boxing internazzjonali u nazzjonali.

5.6.1 Il-Kunsillier s-Sur Joe Galea talab li joħroġ barra mil-kamra peress li kellu kunflitt ta' interess minħabba s-Sur Gard Galea.

5.7 Il-Kunsill permezz ta' rizoluzzjoni bi tlett (3) voti favur approva li din il-kategorija tingħata lis-Sur Keith Camilleri u s-Sur Garth Galea.

6. **Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

6.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara ressaq ilment ta' resident li joqgħod Triq Idmejda fuq il-problema tal-ħamiem.

6.1.1 Il-Kunsill huwa konxju tal-fatt li din hija problema li teżisti fir-raħal kollu u ma tantx hemm soluzzjonijiet għal din il-problema.

6.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara talab li tittieħed azzjoni quddiem Borg Olivier fi Triq il-Kbira peress li l-karozzi qed jostakolaw l-aċċess.

6.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa fuq min jieħu d-deċiżjonijiet fejn imorru l-wardens jagħmlu l-ispezzjonijiet.

6.3.1 Il-Viċi Sindku, Andre Grech ta spjegazzjoni ta' kif taħdem is-sistema wara laqgħa li kellu mad-Direttur tal-LESA, s-Sur Ray Zammit.

6.4 Is-Sur Desmond Zammit Marmara infurma lill-Kunsill fuq il-komunikazzjoni li kellu mas-Sur Albert Mc Carthy mill-Uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari, Dr. Justyne Caruana fuq l-iskema ' Ħu ħsiebek biex jieħdu ħsiebek' u s- Sur Zammit Marmara huwa ta' l-opinoni li l-proposta tas- Sur Mc Carthy mhux fattibbli.

6.5 Is-Sur Zammit Marmara tkellem fuq l-iskema mnedija tat-TCTC '4 Kids Project' fejn jidher li ma tantx kienet ta' suċċess mar-residenti s-sena l-oħra u għalhekk jidhirlu li din is-sena ma għandniex nieħdu sehem. Il-Kunsill qabel mal-Kunsillier.

6.6 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li ser isir welding tal-gradilji f' Wied Ħal Balzan.

6.7 Il-Viċi Sindku, Andre Grech talab li tinbidel bozza maqtugħa li tinsab quddiem Buontempo Estate.

6.8 Il-Vici Sindku ppreżenta permess mingħand il-KNPD biex quddiem id-dar tas-Sur Sargeant ssir kaxxa safra tad-disabled. Is-SE ser jibgħat din l-approvazzjoni lill-Transport Malta għal kunsiderazzjoni tagħhom.

6.9 Il-Viċi Sindku ressaq talba ta' Balzan FC biex tingħalaq il-Pjazza għal attivita' ta' ċelebrazzjonijiet f'każ li l-klabb jirbaħ it-trophy tal-MFA. Il-Kunsill approva.

6.10 Il-Kunsillier Daniel Muscat ta informazzjoni dettaljata fuq l-attivita' Balzan Arts and Festval li ser tittella nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju 2016.

7. **Approvazzjoni ta' Pagamenti**

7.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-3 ta' Mejju 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 27,192.75. L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Daniel Muscat li kien issekondat mill-Viċi Sindku Andre' Grech. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

8. **Aġġornament tal-Laqgħa**

8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju 2016 fl-4.30pm

**Dr. Ian Spiteri**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv

Data